

**L-għoti ta' informazzjoni lil pazjenti li jivvjaġġaw lejn l-Estonja dwar l-użu tas-servizz transfruntier għas-sommarji tad-*data* dwar is-saħħa tal-pazjenti.**

### **Għan tal-Avviż ta' Informazzjoni għall-Pazjent**

Din l-informazzjoni hija maħsuba għal pazjenti li jivvjaġġaw lejn ir-Repubblika tal-Estonja.

L-għan tal-avviż huwa li jinforma lill-pazjent dwar kif tiġi pproċessata d-*data* personali tiegħu u dwar il-leġiżlazzjoni applikabbli jekk jintalab sommarju tad-*data* dwar is-saħħa tal-pazjent minn fornitur tal-kura tas-saħħa fi Stat Membru ieħor tal-Unjoni Ewropea, fi Stat Membru taż-Żona Ekonomika Ewropea jew fl-Iżvizzera.

Il-fornituri tal-kura tas-saħħa fl-Estonja jipproċessaw *data* personali f'konformità mal-leġiżlazzjoni fis-seħħ fl-Estonja.

### **X'inhum n-Network Ewropew tal-e-Saħħa?**

L-Infrastruttura ta' Servizzi Diġitali tal-e-Saħħa (eHDSI) tippermetti li d-*data* tiġi skambjata b'mod sigur u faċli għall-ispiżjara meta jinxtrow il-mediċini u għall-professionisti tal-kura tas-saħħa involuti fit-trattament tal-pazjenti. L-eHDSI tipprovdi lill-professionisti tal-kura tas-saħħa madwar l-UE kollha b'aċċess elettroniku għad-*data* relatata ma' riċetti tar-residenti tal-UE u għal sommarji tad-*data* dwar is-saħħa tagħhom. It-talbiet għad-*data* jitressqu permezz ta' gateway sigura (il-pjattaforma transfruntiera għall-iskambju tad-*data* għad-*data* dwar is-saħħa), li l-aċċess għaliha jingħata mill-punt ta' kuntatt nazzjonali għall-e-Saħħa maħtur minn kull pajjiż. Fl-Estonja, ir-responsabbiltà għat-tħaddim u għall-ġestjoni tas-servizz tinsab f'idejn iċ-Ċentru tas-Sistemi ta' Informazzjoni dwar is-Saħħa u l-Benessri (*Tervise ja Heaolu Infosüsteemide Keskus – TEHIK*), li jikkoopera mal-Fond Estonjan għall-Assigurazzjoni tas-Saħħa u mal-Aġenzija tal-Istat tal-Mediċini. Il-kontrollur tal-pjattaforma għall-iskambju tad-*data* huwa l-Ministeru għall-Affarijiet Soċjali.

Is-sommarji tad-*data* dwar is-saħħa tal-pazjenti jiġu trażmessi mill-infrastruttura nazzjonali tad-*data* dwar is-saħħa fil-pajjiż fejn dawn ikunu tnejjem permezz tal-punti ta' kuntatt nazzjonali lill-fornituri tal-kura tas-saħħa f'pajjiżi oħrajn koperti mis-servizz. Kull pajjiż huwa responsabbli għall-operazzjonijiet tal-punt ta' kuntatt nazzjonali tiegħu. Id-*data* dwar is-saħħa tal-pazjenti tiġi pproċessata f'konformità mar-Regolament Ġenerali tal-UE dwar il-Protezzjoni tad-*Data* u mal-atti legali fis-seħħ fil-pajjiżi involuti fl-iskambju tad-*data*.

### **Min jista' juża s-servizz transfruntier għas-sommarji tad-*data* dwar is-saħħa tal-pazjent u fuq liema bażi (jiġifieri raġunijiet legali)?**

Is-servizz transfruntier għas-sommarji tad-*data* dwar is-saħħa tal-pazjent jista' jintuża minn pazjent li jkollu dokument ta' identifikazzjoni maħruġ fl-Unjoni Ewropea u li d-*data* personali tiegħu tista' tiġi pproċessata jekk ikun hemm bażi ġuridika għal dan f'pajjiżu, kemm jekk dan ifisser kunsens jew kwalunkwe raġuni legali oħra. Ma huwiex possibbli li jingħata dan il-kunsens meta dan ikun f'fornitur tal-kura tas-saħħa f'pajjiż barrani.

Sommarju tad-*data* dwar is-saħħa tal-pazjent jitħejja għal pazjent li jirċievi kura tas-saħħa f'fornitur barrani tal-kura tas-saħħa.

It-trażmissjoni ta' *data* li tikkonċerna sommarju tad-*data* dwar is-saħħa tal-pazjent lil fornitur barrani tal-kura tas-saħħa permezz tal-pjattaforma transfruntiera għall-iskambju tad-*data* għad-*data* dwar is-saħħa hija permessa abbażi tat-Taqsima 50<sup>o</sup>(2) tal-Att dwar l-Organizzazzjoni tas-Servizzi tas-Saħħa [*tervishoiuteenuste korraldamise seadus*].

Qabel ma jagħmel talba għad-*data* dwar is-saħħa ta' pazjent, il-fornitur tal-kura tas-saħħa se jinforma lill-pazjent dwar kif id-*data* dwar is-saħħa tiegħu se tiġi pproċessata meta jitħejja s-sommarju. Huwa biss meta l-pazjent ikun ikkonferma li jifhem il-kontenut tal-Avviż ta' Informazzjoni għall-Pazjent li l-fornitur tal-kura tas-saħħa jista' jitlob id-*data* dwar is-saħħa tal-pazjent mill-pajjiż ta' oriġini tiegħu.

### **Għal liema fini tiġi pproċessata *data* ta' pazjent?**

L-għan tas-servizz huwa li jagħti lill-fornitur tal-kura tas-saħħa ħarsa ġenerali lejn is-sommarju tad-*data* dwar is-saħħa tal-pazjent, li jiġi rreġistrat fil-pajjiż ta' oriġini tiegħu. Ħarsa ġenerali aħjar lejn id-*data* dwar is-saħħa se tippermetti lill-fornitur tal-kura tas-saħħa jagħmel deċiżjonijiet ta' kwalità ogħla u aktar rapidi dwar it-trattament. Id-*data* inkluża fis-sommarju tad-*data* dwar is-saħħa tiġi pproċessata biss għall-fini tal-forniment ta' servizzi tal-kura tas-saħħa.

F'ċerti ċirkostanzi stabbiliti mil-liġi, id-*data* personali (inkluż id-*data* dwar is-saħħa) tista' tiġi pproċessata wkoll fl-Estonja għal raġunijiet oħrajn, bħal finijiet statistiċi u ta' riċerka.

### **Liema *data* personali tal-pazjenti tiġi pproċessata?**

Id-*data* li ġejja relatata mas-sommarju tad-*data* dwar is-saħħa tal-pazjent tiġi pproċessata bl-użu tal-pjattaforma għall-iskambju tad-*data*:

- id-dettalji dwar id-dokument innifsu (data, numru ta' referenza, pajjiż);
- id-*data* ġenerali tal-pazjent (numru ta' identifikazzjoni personali jew identifikatur ieħor, isem u kunjom, ġeneru, data tat-twelid, indirizz, numru tat-telefown, email, lingwa ppreferuta);
- id-dettalji tar-rappreżentant tal-pazjent (isem u kunjom, indirizz, telefown, email);
- id-dettalji tal-persuni ta' kuntatt tal-pazjent (isem u kunjom, indirizz, telefown, email, tip ta' persuna ta' kuntatt);
- id-dettalji tal-prattikant ġenerali tal-pazjent (isem l-istituzzjoni, isem u kunjom tal-prattikant ġenerali, indirizz, telefown, email);
- id-dettalji tal-persuna li tkun ħejjiet is-sommarju tad-*data* dwar is-saħħa (isem u kunjom, identifikatur, telefown, email);
- id-dettalji tal-istituzzjoni li fiha taħdem il-persuna li tkun ħejjiet is-sommarju tad-*data* dwar is-saħħa (isem, identifikatur, indirizz, telefown, email);
- id-dettalji tal-mediċini preskritti u amministrati, inkluż id-dettalji tal-persuna li tkun ordnat jew amministrat il-mediċini (isem, identifikatur, speċjalità) u id-dettalji tal-istituzzjoni (isem, identifikatur, indirizz);
- id-dettalji tal-allerġiji u tal-effetti sekondarji mhux mixtieqa (data tad-dijanjożi tal-allerġija, tip ta' allerġija, allergen, deskrizzjoni, severità);
- il-lista tal-ilmenti (data tad-dijanjożi, dijanjożi verbali minn tabib, dijanjożi tal-ilment);
- id-dettalji tal-użu ta' apparati mediċi (data tal-installazzjoni, apparat mediku u l-identifikatur tiegħu);
- id-dettalji tal-proċeduri u tal-operazzjonijiet imwettqa (tip ta' proċedura, deskrizzjoni, data, post fil-korp, rabta mal-kundizzjoni medika, kawża);

- id-dettalji tal-kundizzjonijiet mediċi mġarrba (perjodu ta' żmien, dijanjożi verbali minn tabib, dijanjożi tal-ilment);
- id-dettalji dwar l-immunizzazzjoni (data, metodu ta' amministrazzjoni, post tal-immunizzazzjoni, doża waħda, vaċċin, numru tas-serje tad-doża ta' immunizzazzjoni, dettalji tal-effetti sekondarji tal-immunizzazzjoni, kummenti addizzjonali);
- id-dettalji dwar l-isfond soċjali (valur tal-isfond soċjali);
- id-dettalji tat-tqala u d-data mistennija tat-twelid;
- id-dettalji tas-sinjali vitali (riżultati tal-kejl tal-pressjoni tad-demem sistolika u dijastolika, data li fiha ttieħdet il-pressjoni tad-demem);
- id-dettalji tat-testijiet tal-laboratorju (isem tat-test, data, riżultat, metodu).

Il-fornitur tal-kura tas-saħħa se jara s-sommarju tad-*data* dwar is-saħħa tradott għall-Estonjan. Il-fornitur tal-kura tas-saħħa se jkun jista' jara wkoll is-sommarju tad-*data* dwar is-saħħa bil-lingwa tal-pajjiż ta' oriġini tal-pazjent.

Sommarju tad-*data* dwar is-saħħa mħejji f'sistema ta' informazzjoni barra mill-pajjiż se jiġi trażmess lill-fornitur tal-kura tas-saħħa permezz tal-punti ta' kuntatt nazzjonali u tas-software tal-fornitur tal-kura tas-saħħa.

### **Min jista' jipproċessa d-*data* tal-pazjent?**

Id-*data* ta' pazjent tista' tiġi pproċessata biss mill-fornituri tal-kura tas-saħħa li jipprovdu direttament lill-pazjent b'servizz tal-kura tas-saħħa, filwaqt li fl-istess ħin jiġu osservati r-rekwiżiti stabbiliti fir-Regolament Ġenerali dwar il-Protezzjoni tad-*Data* u f'leġiżlazzjoni oħra. Qabel ma ngħaqdu mal-pjattaforma transfruntiera għall-iskambju tad-*data*, il-pajjiżi li jużaw is-servizz kienu soġġetti għal awditu mill-Kummissjoni Ewropea, li matulu ġie aċċertat li kien hemm livell adegwat ta' protezzjoni fir-rigward tal-ipproċessar ta' *data* personali u li matulu twettqet valutazzjoni tal-impatt relatata mal-protezzjoni tad-*data*.

Meta d-*data* tiġi trażmessa permezz tal-pjattaforma għall-iskambju tad-*data* lil pajjiż ieħor li jkun qed jipparteċipa fis-servizz, kull pajjiż li jirċievi d-*data* jassumi r-responsabbiltà għall-ipproċessar tad-*data* trażmessa lilu. Il-partijiet li ġejjin huma involuti fl-ipproċessar tad-*data*:

- il-fornitur tal-kura tas-saħħa li lilu jiġi trażmess is-sommarju tad-*data* dwar is-saħħa;
- il-punt ta' kuntatt Estonjan tal-e-Saħħa, jiġifieri t-TEHIK;
- il-punt ta' kuntatt tal-e-Saħħa tal-pajjiż l-ieħor;
- l-istituzzjoni jew is-sistema ta' informazzjoni li jittrażmettu d-*data* dwar is-saħħa mill-pajjiż barrani.

### **Fejn tinħażen id-*data* ta' pazjent u għal kemm żmien?**

Meta sommarju tad-*data* dwar is-saħħa jiġi trażmess lil fornitur tal-kura tas-saħħa, id-*data* tal-pazjent tinħażen fil-pajjiż barrani f'konformità mar-rekwiżiti stabbiliti fir-Regolament Ġenerali dwar il-Protezzjoni tad-*Data* u mal-leġiżlazzjoni tal-pajjiż inkwistjoni.

Il-kompożizzjoni tad-*data* skambjata u l-perjodi li għalihom għandhom jinżammu r-reġistri huma stabbiliti fl-Att dwar l-Organizzazzjoni tas-Servizzi tas-Saħħa u fir-Regolament Nru 48 tal-Ministeru għas-Saħħa u x-Xogħol tal-15 ta' Novembru 2018 dwar il-kompożizzjoni ta' *data* pproċessata bl-użu tal-pjattaforma transfruntiera għall-iskambju tad-*data*, l-organizzazzjoni tal-iskambju tad-*data* u l-perjodi li għalihom għandhom jinżammu r-reġistri.

Id-*data* dwar il-pazjent tista' tinħażen kemm fis-sistemi ta' informazzjoni tal-fornitur tal-kura tas-saħħa fil-pajjiż barrani li fih ikunu ġew ipprovduti s-servizzi tal-kura tas-saħħa lill-pazjent u li fih tkun bdiet it-tnejjija tas-sommarju tad-*data* dwar is-saħħa, kif ukoll fis-sistemi ta' informazzjoni tal-awtoritajiet li jipproċessaw id-*data* dwar is-saħħa fil-pajjiż ta' oriġini tal-

pazjent. It-TEHIK huwa meħtieġ iżomm ir-reġistri mill-pjattaforma għall-iskambju tad-*data* għal 7 snin.

Sommarju tad-*data* dwar is-saħħa tal-pazjent jista' jiġi inkluż fid-dokumentazzjoni miżmuma mill-fornitur tal-kura tas-saħħa. F'dak il-każ, id-*data* kkonċernata trid tinżamm f'konformità mal-proċedura stabbilita fl-Att dwar l-Organizzazzjoni tas-Servizzi tas-Saħħa.

### **Drittijiet tas-suġġett tad-*data***

Il-pazjenti għandhom id-dritt li jaċċessaw id-*data* personali tagħhom u li jressqu lment lill-awtorità superviżorja tal-pajjiż ta' residenza jew tal-pajjiż li minnu jkun joriġina s-sommarju tad-*data* dwar is-saħħa. Fl-Estonja, l-awtorità superviżorja hija l-Ispettorat tal-Protezzjoni tad-*Data*. Id-dettalji ta' kuntatt għall-awtoritajiet superviżorji tal-Istati Membri tal-UE jinsabu fuq <https://www.aki.ee/et>

### **Kuntatti**

- *Proċessur tad-*data**: iċ-Ċentru tas-Sistemi ta' Informazzjoni dwar is-Saħħa u l-Benessri, [abi@tehik.ee](mailto:abi@tehik.ee), helpline: +372 7 943 943 (jopera 24/7)
- *Kontrollur tad-*data**: il-Ministeru għall-Affarijiet Soċjali, [info@sm.ee](mailto:info@sm.ee)
- *Uffiċjal tal-protezzjoni tad-*data* tal-kontrollur tad-*data**: [andmekaitse@sm.ee](mailto:andmekaitse@sm.ee)
- *Awtorità superviżorja*: l-Ispettorat tal-Protezzjoni tad-*Data*, [info@aki.ee](mailto:info@aki.ee)